MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 94

**It-Tnejn, 3 ta' Settembru, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Jonathan Brimmer | Viċi Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Elizabeth Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Horace Anastasi | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jason Mangani | Kunsillier |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**ASSENTI**

**Ħadd**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 94.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**94.1.1** Is-Sindku nforma li s-Sur Jason Mangani u s-Sur Gianluca Falzon kienu indisposti u għaldaqstant ma setgħux ikunu preżenti. F'dan ir-rigward kemm is-Sur Mangani u s-Sur Falzon ġew skuzati skont l-Ordni Permanenti 14 A (3).

## 94.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**94.2** Il-minuti tal-laqgħa Numru 93 (tlieta u disgħin) li saret fit-3 ta' Settembru, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 94.2.1 Korrezzjonijiet

94.2.1.1 Fil-Minuti tad-93 laqgħa ma kienx hemm korrezzjonijiet.

## 94.3 Punti mqajma mill-minuti

**94.3.1** Minuta 93.2.2.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li kif kien previst saret il-laqgħa quddiem il-Bord ta' TM fejn huma talbuna sabiex niddiskutu l-proposti li konna bgħatna u li diġa kienet ittieħdet deċiżjoni fuqhom. Il-laqgħa kienet waħda pożittiva iżda għad irridu nistennew l-eżitu tagħha.

**94.3.2** Minuta 93.2.2.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill għadu ma xtarax vann u dan għaliex għadna qed nistennew li jkollna kwotazzjoni li tkun fil-parametri tal-baġit tal-Kunsill apparti li rridu nassiguraw li l-imsemmi vann irid ikun f'kundizzjoni tajba.

Il-membri qablu unanimament.

**94.3.3** Minuta 93.2.2.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li dwar ir-regolamenti tal-GDPR ser jieħu parir legali mingħand l-Avukat tal-Kunsill. Wara diskussjoni ġie deċiż ukoll sabiex jittieħed parir legali wkoll dwar ir-regolis a vis is-CCTV cameras.

**94.3.4** Minuta 93.2.2.5 – Is-Sindku nforma lill-membri lix-xogħol tal-membrane tar-razzett skatta.

**94.3.5** Minuta 93.5.2 – Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex jiforma lill-membri dwar l-attivita' tal-*Car Free Day*. Is-Segretarju qal li l-preparazzjoni lesta u f'din l-attivita' ser ikun hemm esibizzjoni ta karozzi antiki, żfin taż-Żumba, Terramaxka, esibizzjoni mill-Protezzjoni Ċivili, Esibizzjoni taż-żwiemel tal-kavallerija u *bouncy castle* għat-tfal. Is-Segretarju nforma lill-membri li l-ispiża kollha għal din l-attivita' ser tlaħħaq madwar €400.

Il-membri qablu unanimament.

**94.3.6** Punti mqajma mill-ilmenti:-

| | |
|---|---|
| Ilment 261 | Il-Kunsill irid jinforma lil individwu sabiex imur direttament bl-applikazzjoni iċ-Ċentru Ħidma Soċjali. |
| Ilment 298A | Bi qbil unanimu l-Kunsill irid li sid il-propjeta' jagħmel dikjarazzjoni li l-garaxx mhux ser jintuża bħala store. |

## 94.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

94.4.1 Is-Sindku nforma lill-Membri li rċieva taħrika sabiex jixhed fil-kawża li infethet mill-Pulizija ta' Malta vs Pawlu Vella dwar il-bieb li hemm fi Triq l-Imsida. F'dan ir-rigward is-Sindku talab sabiex tingħabar kull evidenza li l-Kunsill għandu dwar dan il-każ sabiex ikun jista' jippreżenthom lill-Maġistrat.

94.4.2 Is-Sindku nforma lill-membri lit-tender tal-knis kienet skattat u l-istess tender tinsab miftuħa. Huwa kompla billi qal li l-istess tender tagħlaq fit-12 ta' Settembru, 2018.

94.4.3 Is-Sindku nforma lill-membri li kulħadd huwa mistieden għal-laqgħa li ser issir mas-Supretindent trad-Distrett nhar il-Erbgħa 12 ta' Settembru, 2018 fit-3:30 pm fil-bini Amministrattiv tal-Kunsill

94.4.4 Is-Sindku nforma lill-membri dwar is-sistema l-ġdida tal-ġbir tal-iskart organiku li ser tkun introdotta kemm f'Santa Venera u fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex mill-31 t'Ottubru 2018. Is-Sindku qal li dan il-ġbir ser jibda jsir kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Filfrattemp huwa talab lill-Wasteserv sabiex issir laqgħa magħhom fejn l-istess laqgha kienet ser issir it-Tlieta 4 ta' Settembru, 2018 fit-3:30pm fil-bini Amministrattiv tal-Kunsill fejn il-membri kollha huma mistiedna. Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma kien innotifikat dwar dan iżda kien avviċinat minn terzi li f' Santa Venera bdew jitqassmu l-bins tal-iskart organiku fir-residenzi tal-lokalita. Dan it-tqassim waqaf sabiex l-ewwel ikunu kjarifikat xi punti waqt il-laqgħa li ser issir. Wara diskussjoni bejn il-membri il-Kunsill iħoss li waqt din il-laqgħa għandha tkun indirizzata il-problema tal-edukazzjoni u l-infurzar fost il-punti kollha li kienu elenkati.

94.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħas-snin preċedenti il-Kunsill qed jiġbor id-dettalji ta' dawk ir-residenti li għandhom 'il fuq minn 55 sena u li huma nteressati li jieħdu t-tilqima kontra l-influwenza. Dawk interessati huma obbligati li jiġu l-Kunsill sabiex japplikaw sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2018.

## 94.5 *Rapporti/Korrispondenza*

**94.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li hemm bżonn li jkun iffurmat bord sabiex tkun adjudikata it-Tender tal-knis. Wara diskussjoni bejn il-membri, s-Sindku ppropona li l-membri jkunu is-Sur Darren Carabott, is-Sur Silvio Vella li huma membri tal-Kunsill u is-Sur Kenneth Brincat persuna mhux minn Santa Venera iżda li huwa intiż fuq l-aggudikazzjoni tat-tenders bl-esperjenza vasta fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

Is-Sur Horace Anastasi ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**94.5.2** Is-Sindku nforma lill-membri li matul ix-xahar t'Ottubru tiġi ċċelebrata l-Anzjanità Attiva. Fost diversi attivitajiet li jkunu mtellajn matul dan iż-żmien, is-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva qiegħed inniedi Premju Anzjanità Attiva 2018. L-għan ta' dan il-premju huwa sabiex jiġu ċċelebrati l-kisbiet t'individwi u organizzazzjonijiet li jappoġġjaw il-kunċett t'Anzjanità Attiva kif wkoll d-drittijiet tal-Anzjani. B'hekk il-Gvern qiegħed jesprimi l-apprezzament tiegħu għal kull min jaħdem għal soċjetà iżjed inklussiva, fejn l-anzjani u l-familji tagħhom ikollhom aċċess għall-firxa ta' komunitajiet iżjed inklussivi u li jinkoraġġixxu l-għajxien indipendenti. Il-prinċipju li ser jiggwida dan il-premju huwa li jkollna komunitajiet aktar ġusti fejn l-anzjani jieħdu sehem attiv fil-komunità. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jista' jinnomina lis-Sur Philip Chircop li huwa anzjan attiv ġewwa Santa Venera

Is-Sur Jonathan Brimmer issekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**94.5.3** Is-Sindku nforma lill-membri li rċieva talba mingħand l-Scouts ta' Santa Venera sabiex f'Ottubru jużaw il-ġnien Romeo Romano biex jagħmlu festin tal-*Halloween*. Il-festin huwa maħsub li jsir fil-31 t'Ottubru 2018. Huma jixtiequ li fit-30 t'Ottubru jibdew jippreparaw. Wara il-festin, il-ġnien jiġi żbarazzat u mnaddaf. Il-festin huwa maħsub li jibda fis-7.30 u jispicca fl-10.30 biex b'hekk ma jkunx hemm storbju fit-tard.

Il-membri unanimament iżda s-Sur Horace Anastasi astjena.

**94.5.4** Is-Sindku nforma lil-membri li rċieva korrispondenza mingħand Refab Lightblue Partnership sabiex isir contract agreement fuq il-*Clothes Bank installation* għal ħames snin. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu li:

I. Il-Kumpanjia tagħmel dikjarazzjoni legali li l-ħwejjeġ li qed jinġabru mil-lokalita' ta' Santa Venera qed jingħataw lill-istituzzjonijiet tal-Karita'.
II. Jekk l-ewwel talba tkun fl-affermattiv, il-Kunsill lest li jiffirma it-tali kuntratt għal sena u mhux kif qed ikun propost għal ħames snin.

**94.5.5** Is-Sindku nforma lill-membri li bħal kull sena il-President's Solidarity Fun Run 2018 ser issir fl-4 ta' Novembru u ser tibda minn quddiem il-bini Amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku qal li din is-senna il-Kunsill ma jistax jipprovdi bżieżaq għas-snin preċedenti wara inizzjattiva li ttieħdet mill-AKL favur l-ambjent. ls-Sindku ppropona li jixtraw sfafar, jinvolvi lill-Għaqda tan-Nar billi tinħaraq kaxxa minn fuq il-bejt tal-Klabb tal-Boċċi u lill-Għaqda tal-Armar billi issir liedna fi Triq il-Kbira San Ġużepp bil-parteċipażżjoni tal-Banda.

## 94.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

**94.6.1 Xiri ta' garaxx** – Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-bżonn ta' xiri ta' garaxx mill-Kunsill sabiex l-għodda u l-materjal li jintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill ma jitpoġġewx aktar fir-razzett u ġo ġnien Romeo Romano. Wara diskussjoni l-membri qablu li tinħareġ tender għal xiri ta' maħżen/garaxx li jkun livell tat-triq b'*area* ta' bejn $18m^2$ u $40m^2$.

Is-Sindku ippropona u s-Sur Darren Carabott ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**94.6.2 Ġieħ /Mertu Santa Venera 2018 -** Is-Sindku informa lill-membri li l-Bord tal-Għażla tal-Ġieħ/Mertu Santa Venera iltaqa' u ħass li kellhom isiru xi tibdiliet zgħar fil-kontenut tal-Linji Gwida:

- It-Titlu jsir **Ġieħ u Mertu Santa Venera 2018** minflok Ġieħ Santa Venera 2017
- Motivazzjoni fl-aħħar sentenza tiżdied il-kelma **jerġgħu** qabel il-frażi **jiġu nominati**.
- 7.1 titbiddel id-data u issir **8 ta' Settembru**.
- 7.1.1 tiżdied il-kelma **wieħed** quddiem il-frażi **mill-persuni nominati**.
- 7.1.6 titbiddel id-data u issir **28 ta' Settembru**.

Fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla, s-Sindku ppropona sabiex minn din is-sena n-nominati jkun klassifikati kif ġej Rebbieħ Ġieħ Santa Venera, Rebbieħ tal-Mertu u n-nominati l-ohra jingħataw rikonoxximent skont il-klassifikazzjoni rakkomandata mill-Bord tal-Ġieħ.

Wara diskussjoni, il-membri qablu sabiex ikun hemm laqgħa sabiex ninfurmaw lil-Ghaqdiet tal-Lokal b'dawn it-tibdiliet fil-linja gwida.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri kollha qablu unanimament.

**94.6.3 Attivita': "Notte da Venerare"** – Is-Sindku nform lill-membri sabiex terga' issr l-attivita' li saret is-sena l-oħra fi żmien il-ġranet tal-Milied **Notte da Venerare**. Is-sindku informa lis-Segretarju sabiex jinvolvi Is-Sur Gianluca Falzon, l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, sabiex jibdew il-preparamenti għal din ll-attivita'. Is-Sindku ppropona li din l-attivita' ssir fl-14 ta' Diċembru filwaqt li l-ispiża finanzjarja għandha tkun eqwivalenti għal dik tas-sena l-oħra jiġifieri dik ta' bejn 10k u 12k.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri kollha qablu unanimament.

## 94.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-Laqgħa ma ġewx preżentati minuti jre rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 94.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet

Il-membri qablu unanimament

## 94.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 301 sa 360.

| | |
|---|---|
| 301 | Ma tistax issir |
| 306 | Niktbu lil TM + jiġi provdut permess tal-garage |
| 312 | Ir-resident irid jagħmel applikazzjoni maċ-Ċentru Ħidma Socjali |
| 313 | Work Order – tabella to respect neighbourhood |
| 314 | Ma tistax issir għalissa peress li hemm proġett ippjanat |
| 315 | Niktbu lill-Planning Authority u lis-Sanita' |
| 316 | Transport Malta |
| 321 | Transport Malta |
| 323 | Ma tistax issir |
| 324 | Contracts Manager |
| 329 | Diga' hemm u issir oħra fit-tarf – Ħaddiema Assenjati |
| 330 | Ħaddiema Assenjati |
| 333 | Contract Manager |
| 334 | Niktbu lill-Pulizija |
| 336 | Contract Manager |
| 339 | Ħaddiema Assenjati |
| 340 | Bħal ilment 329 |
| 347 | Wara li jkun tlesta ix-xogħol ta' kostruzzjoni skont il-permess issir il-kaxxa safra. |
| 348 | Ħaddiema Assenjati |
| 349 | Bħal ilment 329 |
| 350 | Ħaddiema Assenjati |
| 351 | Mica Med |
| 352 | Issir meta jiskatta ix-xogħol infrastrutturali tal-bankina |
| 353 | Pulizija |
| 356 | Contract Manager |
| 357 | 1. Kuntrattur infurmat;<br>2. Kuntrattur infurmat biex inaddaf wara li jbattal-l-iskips<br>3. Pulizija<br>4. Hemm kawza l-qorti<br>5. L-access tal-bieb huwa ta dar privata. |
| 358 | Transport Malta |
| 359 | Niktbu lil tas-Sanita' u titwaħħal sticker *not to feed cats.* |

| | |
|---|---|
| 360 | Ħaddiema Assenjati |

## 94.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-7.45 pm u ġiet aġġornata għat- 8 ta' Ottubru, 2018, fil-5.30pm

Konfermati, illum 8 ta' Ottubru, 2018

| | |
|---|---|
| Stephen Sultana | Michael Mifsud |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |